MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1324/2002/1

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**Vs**

**Stepehn Fiteni**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm571.90 (hames mija u wiehed u sebghin lira Maltin u disghin centezmu) import ta' seba` (7) kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-12 ta’ Ottubru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fit-13 ta’ Jannar 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------